MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2007

Numru. 596/2007

Il- Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

-vs-

Claudia Farrugia

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Claudia Farrugia ta’ 22 sena imwielda Pieta’ fis- 6 ta’ Ottubru 1984 bint Joseph u Miriam nee’ Micallef residenti 11, Triq Monsijur Falzon, Msida, detentrici tal- karta tal- Identita’ bin- numru 494584M.

Akkuzata talli fil- 15 ta’ Lulju, 2007, ghall- habta ta’ 7.00pm gewwa Triq il- Kbira San Guzepp, il- Hamrun, u gewwa l- ghassa tal- Pulizija tal- Hamrun, b’ diversi atti maghmulin b’ risoluzjoni wahda attakkat u/jew ghamlet

resistenza bi vjolenza jew b’ hebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l- persuni nkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku u cioe’ fuq il- persuni ta’ WPS171 Liliana Mifsud u PC672 Emmanuel Muscat filwaqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghtija skond il- ligi mill- awtorita kompetenti, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta’ tieghu u dan ai terminu tal- artikoli 92 u 96 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess lok, hinijiet u taht l- istess cirkostanzi ikkomettiet griehi hfief fuq il- persuna ta’ WPS171 L. Mifsud skond kif iccertifikat Dottor Daniela Farrugia ta’ l- Isptar San Luqa u dan ai terminu tal- artikou 221 tal- kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess lok hin u cirkostanzi ingurjat jew heddedt jew ghamlet offiza fuq il- persuni tal- membri tal- korp tal- Pulizija msemmija hawn fuq, persuni nkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabbba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz jew bil- hsieb li tinfluwixxi jew tbezzgha fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta’ dan is- servizz u cioe’ u dan ai terminu tal- artikoli 92, 95 u 18 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi heddidt lill- istess ufficjali pubblici bi kliem u dan ai termini tal- artikou 338(e) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi ma obdietdx l- ordnijiet legittimi moghtija lilha mill- Pulizija esekuttiva u dan ai termini tal- artikolu 338(ee) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi qalet kliem fahxi li jikkonsisti f’ daghha u dan ai terminu tal- artikolu 342 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan ai termini tal- artikolu 338(dd) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja mizmuma fis-17 ta’ Lulju 2007 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha anke wara li l-Qorti fissritilha l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtha zmien biex tahsibha.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat l-artikoli 18, 92, 96, 221, 338(e), 338(ee), 338(dd) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzata.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f’l-udjenza tas-17 ta’ Lulju 2007 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputata li hija wahda netta, kif ukoll l-ammissjoni ta’ l-imputata f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll f’l-istqarrija taghha. Tenut kont ta’ dan u tenut kont tan-natura tar-reati u c-cirkostanzi li wasslu ghalihom l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 18, 92, 96, 221, 338(e), 338(ee), 338(dd) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet lilha adebiti u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-llum. Il-Qorti spejgat lill-hatja bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta’ tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------